



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0375(COD)**

**14386/21
ADD 1**

**AG 111
INST 422
PE 114
FIN 931
DATAPROTECT 272
CODEC 1554
DISINFO 39
FREMP 280**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru. dok. preċ.	ST 14388/21
Nru dok. Cion:	COM(2021) 734 final
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 734 final.

Mehmuż: COM(2021) 734 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
COM(2021) 734 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESI

ta' [...]

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi
Ewropej (riformulazzjoni)**

{SEC(2021) 577 final} - {SWD(2021) 359 final} - {SWD(2021) 360 final}

↓ 1141/2014 (adattat)
⇒ ġdid

ANNESS I

DIKJARAZZJONI STANDARD LI GĦANDHA TIMTELA MINN KULL APPLIKANT

Il-persuna iffirmata hawn taħt, li nġhatat mandat sħiħ mill-[isem tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea], b'dan tiċċertifika li:

[isem tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea] ⇒ u l-membri tiegħu / tagħha li għandhom is-sede tagħhom fl-Unjoni Ewropea huma impenjati li jirrispettaw il-kundizzjonijiet ~~hu impenjat / hi impenjata li jirrispetta / tirrispetta l-kundizzjonijiet~~ ta' reġistrazzjoni stipulati ~~fil-punt (e) tal-Artikolu 3(1) fl-Artikolu (3)(1)(d)(e) jew tal-punt (e) tal-Artikolu 3(2) fl-Artikolu (3)(2)(c)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 ta' [dan ir-Regolament]~~ [X], jiġifieri li fil-programm u fl-attivitajiet tiegħu / tagħha, jimxi / timxi mal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni, kif dikjarat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazzja, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi.

↓ ġdid

[Isem il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea] huwa/hija impenjat/a ukoll li jiżgura/tiżgura li l-istess japplika għall-partiti membri jew għall-organizzazzjonijiet membri tiegħu/tagħha li għandhom is-sede tagħhom fl-Unjoni u li l-partiti membri jew l-organizzazzjonijiet membri tiegħu/tagħha li għandhom is-sede tagħhom barra mill-Unjoni josservaw valuri ekwivalenti.

↓ 1141/2014

Firmatarju awtorizzat:

Titolu (Sinjura, Sur., ...), kunjom u isem:	
Kariga fl-organizzazzjoni li qed tapplika għal reġistrazzjoni bħala partit politiku Ewropew / fondazzjoni politika Ewropea:	
Post/data:	
Firma:	

ANNEX II

(1) Informazzjoni dwar ir-reklamar politiku li għandha ssir disponibbli fir-repożitorju għad-divulgazzjonijiet mill-partiti politiċi Ewropej

- links għar-reklam kif ippublikat jew fejn meħtieġ, eżempji ta' materjal ieħor ta' reklamar bl-awdjo jew dak viżiv għall-kampanji;
- dikjarazzjoni proviżorja tal-ammonti minfuqa jew allokati mill-partit politiku Ewropew għat-tħejjija, it-tqegħid, il-pubblikazzjoni u t-tixrid tar-reklam politiku kif ukoll l-ammonti reali ladarba jkunu magħrufa;
- is-sors tal-fondi li qed jintuża għall-kampanja pubbliċitarja speċifika inkluż għat-tħejjija, għat-tqegħid, għall-pubblikazzjoni u għat-tixrid ta' reklam politiku.
- fil-każ li jintużaw tekniki ta' mmirar, informazzjoni sinifikanti dwar it-tekniki użati, inkluż il-punti pprovduti skont l-Anness II tar-Regolament 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku].

(2) Informazzjoni li għandha ssir disponibbli mill-partiti politiċi Ewropej fuq is-sit web tagħhom

- informazzjoni aggregata annwalment dwar l-użu tagħha ta' reklamar politiku mmirat;
- lista tal-kampanji speċifiċi li għalihom intuża r-reklamar politiku;
- l-ammonti li ntefqu kull sena fuq ir-reklamar politiku matul l-aħħar ħames snin;
- il-kanali ta' distribuzzjoni użati;
- link għall-informazzjoni li tkun saret disponibbli fir-repożitorju għad-divulgazzjonijiet mill-partiti politiċi Ewropej.]



ANNEX III

Ir-Regolament imħassar flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1)

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114I, 4.5.2018, p. 1)

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2019/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 085I, 27.3.2019, p. 7)

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, il-kliem introdutturju	Artikolu 2, il-kliem introdutturju
Artikolu 2, il-punti 1 sa 8	Artikolu 2, il-punti 1 sa 8
Artikolu 2, il-punt 8a	Artikolu 2(9)
Artikolu 2(9)	Artikolu 2(10)
[...]	[...]
Anness	Anness I
-	Anness II
-	Anness III
-	Anness IV

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, il-parteċipazzjoni politika, is-suq intern

1.3. Il-proposta tirrigwarda

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Il-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea ħabbru miżuri biex tiġi żgurata aktar trasparenza dwar ir-reklamar politiku mħallas u regoli aktar ċari dwar il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 sabet li r-Regolament ħoloq qafas legali utli għall-funzjonament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, iżda identifikat għadd ta' lakuni fih. Ir-reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 għandha l-għan li tagħlaq dawn il-lakuni biex il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunu jistgħu jissodisfaw aħjar ir-regola tagħhom kif stabbilita fl-Artikolu 10(4) tat-TUE.

Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 innota l-importanza ta' aktar trasparenza fir-reklamar politiku biex jiġi żgurati r-reżiljenza u l-integrità tal-proċessi elettorali fl-UE. Huwa nnota wkoll l-implimentazzjoni limitata tar-rakkomandazzjoni tal-pakkett elettorali tal-2018 f'dan ir-rigward u l-ħtieġa għal aktar miżuri.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Il-partiti politiċi Ewropej, b'mod partikolari dawk li huma iżgħar, jiffaċċjaw diffikultajiet biex jallinjaw ir-rata ta' kofinanzjament ta' 10 % attwalment stabbilita fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Għaldaqstant, ir-rata ta' kofinanzjament tagħhom se titnaqqas u tiġi allinjata ma' dik tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, li hija ta' 5 %.

Għas-sena tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ir-rata ta' kofinanzjament għall-partiti politiċi Ewropej se tkun ta' 0 %, bil-għan li tippermettilhom jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-ħolqien ta' spazju demokratiku verament Ewropew u dibattitu politiku pan-Ewropew.

¹ Kif msemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Sabiex jiġi żgurat li l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew isiru skont regoli tad-demokrazija b'saħħithom, il-Kummissjoni qed tippromovi emendi speċifiċi għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 sabiex tiggarrantixxi standards għoljin ta' trasparenza, l-immirar u l-amplifikazzjoni. Din għandha l-għan li tippermetti sanzjonijiet finanzjarji fuq il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li ma jikkonformawx ma' standards għoljin ta' trasparenza, l-immirar u l-amplifikazzjoni.

Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju għad-divulgazzjonijiet mill-partiti politiċi Ewropej u li dan jiġi ġestit mill-Awtorità dwar il-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej ("l-Awtorità") stabbilita bl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Għal kull reklam politiku li jinħareġ, il-partiti politiċi Ewropej għandhom jiżguraw li fir-repożitorju tkun disponibbli informazzjoni sinifikanti u faċilment aċċessibbli għaċ-ċittadini, inkluż dwar l-ammont li ntefaq fuq ir-reklamar u l-oriġini tal-finanzjament użat.

Irid jiġi żgurat li l-Awtorità jkollha biżżejjed riżorsi biex twettaq bis-sħiħ il-kompiti tagħha, kemm dawk previsti mir-Regolament eżistenti (UE, Euratom) Nru 1141/2014 kif ukoll dawk ġodda previsti minn din il-proposta għal riformulazzjoni. Dan jirrekjedi persunal stabbli u t-tisħiħ tar-riżorsi umani li huma attwalment provduti lill-Awtorità.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-proposta għandha l-għan li tagħlaq il-lakuni eżistenti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 biex tgħin lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jissodisfaw ir-rwol tagħhom skont l-Artikolu 10(4) tat-TUE u r-Regolament 1141/2014, sabiex jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew.

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-ġestjoni trasparenti u d-divulgazzjoni tar-reklamar politiku tal-partiti politiċi Ewropej, inkluż l-obbligi li tiġi ppubblikata informazzjoni mar-reklami politiċi, kif ukoll li tinżamm u tiġi żvelata aktar informazzjoni biex jinżamm l-obbligu ta' rendikont matul il-perjodu elettoral.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Indikatur 1

L-ammont ta' partiti u fondazzjonijiet politiċi Ewropej li rċevew inqas fondi tal-UE minn dawk li ġew allokat minħabba li ma setgħux jallinjaw ir-rata ta' kofinanzjament / sena

Indikatur 2

L-għadd ta' kampanji madwar l-UE li mexxew il-partiti politiċi Ewropej fit-tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

Indikatur 3

Konformità mal-istandards tal-UE abbażi ta' feedback lill-Awtorità għall-partiti politiċi

Indikatur 4

Awtorappurtar tal-konformità mar-regoli applikabbli mill-partiti politiċi Ewropej

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Jenħtieġ li r-reġim deskritt hawn fuq ikun fis-seħħ ferm qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ta' Mejju 2024 sabiex (i) il-partiti politiċi Ewropej ikunu jistgħu jwettqu l-kampanji b'mod effettiv u (ii) jiskoraġġixxu l-azzjonijiet mhux xierqa deskritti. Sabiex dan isir operazzjonali, u biex jiġi żgurat li l-Awtorità tkun attrezzata bis-sħiħ biex timmaniġġja l-kompiti kollha tagħha b'mod effettiv, jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi umani addizzjonali mill-aktar fis possibbli, l-ewwel nett permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi għat-twettiq ta' dawn il-kompiti qabel il-ħolqien tal-Awtorità.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Din il-proposta tikkonċerna s-sistema għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej stabbiliti fil-livell Ewropew. Skont Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, dawn huma korpi b'personalità ġuridika Ewropea. L-awtorità hija wkoll korp b'personalità ġuridika skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk huwa biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE li l-oġettivi deskritti hawn fuq jistgħu jiġu segwiti.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-partiti politiċi Ewropej tnaqqset gradwalment minn 25 % (rekwiżit legali fl-2003/fl-2004) għal 10 % (emenda tal-2018 għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014). Madankollu, il-partiti politiċi Ewropej għadhom qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex iżidu r-riżorsi proprji meħtieġa biex ilaħħqu mar-rata ta' kofinanzjament.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jinkludi obbligi ta' trasparenza fir-rigward tal-finanzjament u n-nefqa għall-kampanji elettorali, ippubblikati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali. L-awtorità tipprova wkoll xi rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti, madankollu mingħajr monitoraġġ ta' segwitu tal-konformità. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni li takkumpanja l-pakkett tal-Elezzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2018 irrakkomandat li l-partiti politiċi Ewropej jieħdu passi biex jipprova firxa ta' informazzjoni dwar ir-reklamar tagħhom, inkluż dwar l-immirar. B'konsegwenza ta' dan, fl-elezzjonijiet tal-2019 tal-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi Ewropej ma tawx il-livell ta' trasparenza rrakkomandat fil-pakkett tal-Elezzjonijiet tal-2018.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta preżenti ma timplika l-ebda bidla fil-limitu massimu tan-nefqa amministrattiva għall-istituzzjonijiet tal-UE previst fil-qafas finanzjarju pluriennali.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjoni*

Iż-żieda proposta fil-persunal għall-Awtorità se tintlaħaq permezz ta' riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

X durata mhux limitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i²

X Ġestjoni diretta mill-Parlament Ewropew permezz tal-Awtorità

☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi ggvernati mil-liġi privata b'missjoni tas-servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

☐ lill-korpi ggvernati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

L-awtorità hija ffinanzjata minn titolu baġitarju speċifiku (it-Titolu 5) tal-Parlament Ewropew. L-għadd u l-kompożizzjoni tal-membri tal-persunal għandhom jiġu indikati fil-kummenti baġitarji tat-titolu speċifiku. Id-dmirijiet tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew huma delegati lid-Direttur tal-Awtorità skont il-punt 7 tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

² Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jistgħu jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-awtorità se tkompli toħroġ rapport annwali tal-attività skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Il-Parlament Ewropew se jirrapporta dwar l-operazzjonijiet finanzjarji involuti bħala parti miċ-ċiklu kontabilistiku annwali tal-Unjoni.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Minħabba l-istruttura speċifika tal-Awtorità (korp indipendenti, iżda li l-baġit tagħha huwa parti mill-baġit tal-Parlament Ewropew), il-passi proposti huma l-uniċi passi loġiċi fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti hawn fuq.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-riskji finanzjarji huma l-istess bħal kwalunkwe parti oħra tan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet tal-UE u, f'dan il-każ, ikunu koperti mis-sistema ta' kontroll intern eżistenti tal-Parlament Ewropew.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju tal-erruri (waqt il-pagament u waqt l-għeluq)

Mhu qed tiġi proposta l-ebda sistema ta' kontroll intern ġdida u l-piż addizzjonali ta' dawn il-bidliet għas-sistema ta' kontroll intern tal-Parlament Ewropew mhuwiex sinifikanti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Parlament Ewropew dwar in-nefqa amministrattiva tiegħu japplikaw għal dak li għe stabbilit hawn.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ³	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁴	mill-pajjiżi kandidati ⁵	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046
7	Taqsimi I – Il-Parlament Ewropew	Diff./Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

³ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁴ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (European Free Trade Association).

⁵ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Amministrazzjoni Pubblika Ewropea”
--	----------	-------------------------------------

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5	Sena N+6	Sena N+7	TOTAL
Il-Parlament Ewropew										
○Riżorsi Umani		0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	1.216
○ Nefqa amministrattiva oħra										
TOTAL tal-Parlament Ewropew	Appropriazzjonijiet	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	1.216

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ⁶	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5	Sena N+6	Sena N+7	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	1.216
	Pagamenti	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	0.152	1.216

⁶ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-[korp]

X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	↓	Tip ⁷	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁸ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

⁷ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁸ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiki ..."

3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Awtorità

Ir-riżorsi stabbiliti hawn taħt huma l-istess bħal daww stabbiliti fit-taqsima 3.2.1 aktar' il fuq; huma ripetuti hawnhekk għal raġunijiet ta' ċarezza li r-riżorsi kollha kkonċernati huma daww tal-Awtorità.

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ⁹	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5	Sena N+6	Sena N+7	TOTAL
--	------------------------	-------------	-------------	-------------	-------------	-------------	-------------	-------------	-------

Uffiċjali/Membri tal-Persunal Temporanju (Gradi AD)	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	1,216
Uffiċjali/Membri tal-Persunal Temporanju (Gradi AST)	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Persunal bil-kuntratt									
Esperti Nazzjonali Sekondati									

TOTAL	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	0,152	1,216
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

L-appropriazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jilhqhom l-appropriazzjonijiet li diġà ġew assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fl-Istituzzjoni, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokkazzjoni oħra li tista' tingħata lill-Istituzzjoni tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali baġitarja u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	Sena N ¹⁰	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5	Sena N+6	Sena N+7	TOTAL
Uffiċjali/Membri tal-Persunal Temporanju (Gradi AD)	1	1	1	1	1	1	1	1	1
Uffiċjali/Membri tal-Persunal Temporanju (Gradi AST)	0	0	0	0	0	0	0	0	0

⁹ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

¹⁰ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

Persunal bil-kuntratt									
Esperti Nazzjonali Sekondati									

TOTAL	1	1	1	1	1	1	1	1	1
--------------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tal-Istituzzjoni li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fl-Istituzzjoni, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lill-Istituzzjoni tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali baġitarja u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali¹¹.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

¹¹ Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ¹²						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

[...]

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

[...]

¹² Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.